Y. billi huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, prezzijiet ġusti u standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa kollha fir-reġjuni u l-Istati Membri kollha, biex b'hekk jiġu żgurati prezzijiet affordabbli għall-konsumaturi u jkun hemm attività agrikola fiż-żoni kollha tal-Unjoni***, inkluż f'żoni b'restrizzjonijiet naturali***;	Y. billi huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, prezzijiet ġusti u standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa kollha fir-reġjuni u l-Istati Membri kollha, biex b'hekk jiġu żgurati prezzijiet affordabbli għall-konsumaturi u jkun hemm attività agrikola fiż-żoni kollha tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 411
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ya (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ya. billi l-bdiewa fl-Istati Membri kollha joperaw fl-istess suq uniku, jirrispettaw l-istess sett ta' regoli Ewropej u jiffaċċjaw pressjonijiet ekonomiċi simili, il-konverġenza tal-pagamenti diretti, kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fihom stess, hija essenzjali sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi u ssaħħaħ il-koeżjoni agrikola fl-Unjoni kollha; jisħaq li suq uniku li jopera mingħajr xkiel jeħtieġ trattament ġust għall-atturi ekonomiċi tiegħu, inkluż fir-rigward tal-appoġġ

ipprovdut mill-politika agrikola komuni;

Or. ro

Emenda 412
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ya (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ya. Jinsab ħerqan għall-introduzzjoni tad-direttiva l-ġdida dwar il-kooperazzjoni transfruntiera dwar il-ġlieda kontra l-UTPs; jappella għal reviżjoni tad-direttiva eżistenti dwar l-UTPs biex issir aktar effettiva; jemmen li għandha tiġi żviluppata metodoloġija biex jiġi prodott mudell li jista' jintuża ħalli jiġi kkwantifikat u stabbilit sehem ġust tal-prezz finali mħallas mill-konsumatur għall-atturi kollha fil-katina alimentari;

Or. en

Emenda 413
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika; ***billi l-ewwel pass qabel ma jiġi kkunsidrat li jiġu stabbiliti MRLs oħla għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti fuq***

l-importazzjonijiet għandu jkun li jiġi kkontrollat li l-produzzjoni domestika Ewropea mhijiex u mhix se tkun kapaċi tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq domestiku fil-futur qarib;

Or. en

Emenda 414
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika ***u hemm il-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri għar-regolazzjoni tas-suq, għar-riforniment strateġiku tal-istokk, għall-indirizzar ta' prattiki kummerċjali inġusti u għall-klawżoli mera sabiex tiġi protetta l-produzzjoni agrikola domestika***;

Or. en

Emenda 415
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE***, li jkunu prodotti skont l-aktar standards għoljin ta' kwalità,*** hija

profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll ***inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess*** u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	wkoll ostaklu għall-kapaċità ***tal-produtturi tagħna*** li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u tirrappreżenta riskju ***potenzjali*** għas-saħħa pubblika***, tal-ħxejjex u tal-annimali, bil-għan li jiġi evitat it-tixrid ta' pesti u mard***;

Or. es

Emenda 416
Benoit Cassart, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ***ta' kwalità*** aktar ***baxxa*** minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ***prodotti bi standards*** aktar ***baxxi*** minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika; ***billi l-bdiewa tal-UE qajmu tħassib dwar in-nuqqas ta' reċiproċità u kompetizzjoni globali inġusta;***

Or. en

Emenda 417
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa

pubblika;	pubblika; ***billi l-iżgurar tal-kummerċ ġust li jiggarantixxi r-reċiproċità f'termini ta' standards tal-produzzjoni huwa essenzjali;***

Or. en

Emenda 418
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ***ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE*** hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ***magħmula f'kundizzjonijiet li huma anqas stretti mill-istandards u n-normi ambjentali, soċjali, tal-benesseri tal-annimali u tas-sikurezza u l-kwalità tal-ikel tal-UE*** hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;

Or. pl

Emenda 419
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE***, li ta' spiss ikollhom standards differenti u spejjeż tal-produzzjoni aktar baxxi,*** hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll

pubblika;	inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika; ***;***

Or. en

Emenda 420
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE***, ħafna drabi li jkunu ġejjin minn pajjiżi bi standards differenti u spejjeż ta' produzzjoni aktar baxxi,*** hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;

Or. it

Emenda 421
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa ***u bi standards tal-benesseri tal-annimali u ambjentali aktar baxxi*** minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju ***akbar*** għas-saħħa pubblika;

Or. en

Emenda 422
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE***, li ta' spiss ikollhom standards differenti u spejjeż tal-produzzjoni aktar baxxi,*** hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;

Or. en

Emenda 423
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa ***jew miksuba permezz ta' standards tal-produzzjoni aktar baxxi*** minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju ***potenzjali*** għas-saħħa pubblika;

Or. ro

Emenda 424
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi ***l-importazzjoni ta' prodotti*** agrikoli ***ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti*** fl-UE ***hija wkoll*** ostaklu għall-kapaċità li ***jinkisbu*** prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq***, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika***;	Z. billi ***l-prodotti*** agrikoli ***importati*** fl-UE ***għandhom jirrispettaw l-istandards rilevanti tal-UE u jkunu allinjati magħhom biex jiġi evitat kwalunkwe*** ostaklu għall-kapaċità ***tal-bdiewa tal-UE*** li ***jiksbu*** prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq***; billi l-politiki esterni tal-UE għandu jkollhom l-għan li jiksbu dan l-allinjament***;

Or. en

Emenda 425
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ***minn pajjiżi terzi*** ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;

Or. fr

Emenda 426
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u ***għandha mnejn*** tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika;

Or. en

Emenda 427
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Z

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' ***kwalità aktar baxxa minn dawk prodotti fl-UE hija wkoll*** ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq***, u hija wkoll inkonsistenti mal-objettivi tal-Unjoni stess u tirrappreżenta riskju għas-saħħa pubblika***;	Z. billi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' ***soġġetti għal standards ta' produzzjoni b'rekwiżiti inferjuri għal dawk stabbiliti fl-UE tikkawża telf tal-kompetittività għall-bdiewa tagħna u hija*** ostaklu għall-kapaċità li jinkisbu prezzijiet ġusti u profittabbiltà fis-suq***;***

Or. es

Emenda 428
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Za (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Za. billi jridu jiġu inklużi "klawżoli mera" fil-ftehimiet milħuqa ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tiġi żgurata l-kompetittività tas-settur agrikolu tal-Unjoni Ewropea

billi tintalab u tiġi mmonitorjata mill-qrib ir-reċiproċità f'aspetti bħall-użu agrokimiku, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-ambjent, u l-istandards tal-benesseri tal-annimali tal-UE;

Or. en

Emenda 429
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali u ta' bażit adegwat;	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura ***tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u sostenibbli u*** l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, ***filwaqt li titqies dejjem l-urġenza tas-saħħa ambjentali u tal-bniedem u tal-annimali li niffaċċjaw,*** permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali ***raġonevoli*** u ta' bażit adegwat;

Or. en

Emenda 430
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha ***tkun ibbażata fuq l-istruttura bażika funzjonali attwali u*** tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-

tal-foresti, permezz ta’ miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta’ perjodi tranżizzjonali u ta’ baġit adegwat;	kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt ***kontinwi*** għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta’ miżuri li ***jqisu t-tagħlimiet meħuda u*** ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta’ perjodi tranżizzjonali u ta’ baġit adegwat;

Or. ro

Emenda 431
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b’tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta’ miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta’ perjodi tranżizzjonali u ta’ baġit adegwat;	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b’tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti ***fi żmien xieraq, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet staġjonali u ċ-ċiklu ta’ ppjanar fit-tul tax-xogħol agrikolu***, permezz ta’ miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta’ perjodi tranżizzjonali u ta’ baġit adegwat;

Or. en

Emenda 432
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b’tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b’tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-

ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali ***u ta' baġit adegwat***;	ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali ***inaċċettabbli, u li dawn ikunu akkumpanjati minn baġits adegwati għall-adattament***;

Or. es

Emenda 433
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri ***li ma jinvolvux piżijiet*** amministrattivi ***bla bżonn, u ta' perjodi*** tranżizzjonali u ***ta'*** baġit adegwat;	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri amministrattivi ***li huma trasparenti, proporzjonati, li jistgħu jintlaħqu u li jsiru f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati b'perjodi*** tranżizzjonali ***xierqa*** u baġit adegwat;

Or. en

Emenda 434
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur ***u l-kredibbiltà*** u ċ-	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà ***u s-sostenibbiltà*** tas-settur***, kif***

ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali u ta' baġit adegwat;	***ukoll il-kredibbiltà*** u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali u ta' baġit adegwat;

Or. en

Emenda 435
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa ***u s-sidien tal-foresti***, permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali u ta' baġit adegwat;	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa, permezz ta' miżuri li ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u ta' perjodi tranżizzjonali u ta' baġit adegwat;

Or. fr

Emenda 436
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AA

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' miżuri li ***ma jinvolvux piżijiet amministrattivi bla bżonn, u*** ta' perjodi tranżizzjonali u ta'	AA. billi kwalunkwe bidla fil-PAK attwali u fil-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi introdotta b'tali mod li tiżgura l-istabbiltà tas-settur u l-kredibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti ***kkonċernati***, permezz ta' miżuri li ***jiffokaw fuq prattiki sostenibbli, permezz*** ta' perjodi tranżizzjonali u ta'

baġit adegwat;	baġit adegwat;

Or. en

Emenda 437
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AAa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AAa. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema ta' parametraġġ referenzjarju bbażata fuq l-azjendi agrikoli fil-livell tal-UE għas-settur agroalimentari, iffukata fuq eżiti li jistgħu jitkejlu minflok miżuri preskrittivi; jappella wkoll għat-tnaqqis u għas-simplifikazzjoni tal-obbligi amministrattivi billi jiġu allinjati l-objettivi regolatorji u jissaħħu l-għodod diġitali, biex jinħolqu perkorsi aktar koerenti u aċċessibbli għall-konformità;

Or. en

Emenda 438
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AAb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AAb. billi l-PAK għadha l-pedament tas-sigurtà tal-ikel tal-UE, l-iżvilupp rurali u l-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa; billi riformi reċenti waslu għal eżiġenzi ambjentali akbar fuq il-bdiewa mingħajr żidiet proporzjonati fil-finanzjament; billi r-rekwiżiti ta' kundizzjonalità wasslu għal approċċ ibbażat fuq il-miżuri minflok wieħed ibbażat fuq l-eżitu, u jillimitaw il-flessibbiltà għal soluzzjonijiet xierqa għal-

lokal;

Or. en

Emenda 439
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel; ***billi l-konsum tal-laħam attwali fl-UE bħala medja għadu d-doppju tar-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, għalkemm ix-xejriet tal-konsum ivarjaw b'mod konsiderevoli fl-Istati Membri[1a]; billi tnaqqis ta' 10 % fil-kaloriji totali kkunsmati mill-abitanti tal-UE flimkien ma' tnaqqis aktar sostanzjali fil-konsum tal-laħam (b'sehem aktar baxx ta' ruminanti) jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet agrikoli bi kważi terz sal-2050 (meta mqabbla mal-livelli tal-2010) mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda bidla kbira fl-użu tal-art;[1b]***

[1a] Ara wkoll: RISE Foundation, KU Leuven. What is the Safe Operating Space for EU livestock? (X'inhu l-Ispazju Operattiv Sikur għall-Bhejjem tal-UE?), https://risefoundation.eu/wp-content/uploads/2020/07/2018_RISE_Livestock_Full.pdf

[1b] Ara wkoll: IEEP. Net-Zero Agriculture in 2050: How to get there (Agrikoltura b'Emissjonijiet Żero Netti fl-2050: Kif se naslu), https://ieep.eu/wp-content/uploads/2022/12/IEEP_NZ2050_Agriculture_report_screen.pdf

Or. en

Emenda 440
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, ***peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel***;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, ***inkluża s-sensibilizzazzjoni li dieta bbażata fuq il-pjanti tipprovdi wkoll in-nutrijenti meħtieġa kollha; billi s-suq għal alternattivi għal-laħam u għall-prodotti tal-ħalib ibbażati fuq il-pjanti qiegħed jikber b'rata mgħaġġla***; ***billi l-WHO tenfasizza li dieta tajba għas-saħħa tinkludi mill-anqas ħames porzjonijiet ta' frott u ħxejjex kuljum, kif ukoll ħafna legumi, ġewż u ħbub sħaħ; billi 12 % biss mill-Ewropej jieklu l-ħames porzjonijiet rakkomandati ta' frott u ħxejjex u terz tal-Ewropej ma jikkonsmaw xejn minnhom kuljum;***

Or. en

Emenda 441
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali ***bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel***;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda ***l-inklużjoni tal-frott u l-ħxejjex bħala parti minn dieta ta' kuljum varjata u bilanċjata u*** konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali;

Or. en

Emenda 442
Marion Maréchal, Sergio Berlato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel; ***billi l-konsum medju tal-laħam fl-UE huwa anqas minn 80 kg/capita/sena, li huwa sinifikament aktar baxx mill-konsum tal-laħam f'pajjiżi żviluppati oħra u fil-pajjiżi tal-Mercosur;***

Or. en

Emenda 443
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ***ta' valur bijoloġiku għoli*** u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda ***li jittieklu ħafna aktar legumi bħal fid-dieti Mediterranji u*** konsum ***pjuttost aktar*** moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem ***ibbażata fuq il-mergħat/ir-ragħa***, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 444
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ***tirrakkomanda konsum moderat*** ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, ***peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel***;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ***u evidenza xjentifika konsiderevoli oħra[1b] jirrakkomandaw dieta b'ħafna ikel ibbażat fuq il-pjanti b'konsum imnaqqas*** ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata***, sostenibbli*** u bbilanċjata, ***li tagħti benefiċċji kemm tas-saħħa mtejba kif ukoll ambjentali***; ***u jagħtu wkoll parir lill-konsumaturi biex jillimitaw il-konsum ta' laħam ipproċessat u laħam aħmar, li huma marbuta ma' riskji akbar ta' mewt minn mard tal-qalb, kanċer, dijabete u mard ieħor***;

_____

*[1b] **Food in the Anthropocene: the EAT–Lancet Commission on healthy diets from sustainable food systems (L-Ikel fl-Antropoċenu: il-Kummissjoni EAT-Lancet dwar dieti tajbin għas-saħħa minn sistemi tal-ikel sostenibbli) Willett, Walter et al. The Lancet, Volum 393, Ħarġa 10170, 447 - 492***

Or. en

Emenda 445
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi ***l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat*** ta' laħam u prodotti oħra ***tal-annimali*** bħala parti minn dieta ***varjata*** u bbilanċjata, ***peress li hija*** sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, ***flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem***, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew ***it-tqegħid*** ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;	AB. billi ***l-konsum*** ta' laħam u prodotti oħra ***mill-annimali,*** bħala parti minn dieta ***diversifikata*** u bbilanċjata, ***hija*** sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, ***u li t-trobbija tal-bhejjem għandha benefiċċji***, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew ***il-provvista*** ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;

Or. es

Emenda 446
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi ***l-Organizzazzjoni Dinjija tas-***	AB. billi ***l-konsum*** ta' laħam u prodotti

Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, ***peress li hija*** sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;

oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, ***jikkostitwixxi*** sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;

Or. fr

Emenda 447
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u ***s-sigurtà*** tal-ikel;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien ***tal-foresti*** jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u ***tikkontribwixxi għas-sigurtà*** tal-ikel ***neċessarja***;

Or. es

Emenda 448
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AB

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12***, flimkien mal-benefiċċji tat-trobbija*** tal-bhejjem, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;	AB. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrakkomanda konsum moderat ta' laħam u prodotti oħra tal-annimali bħala parti minn dieta varjata u bbilanċjata, peress li hija sors siewi ta' proteini ta' valur bijoloġiku għoli u mikronutrijenti essenzjali bħall-ħadid u l-vitamina B12***; billi t-trobbija estensiva*** tal-bhejjem ***tippreżenta benefiċċji ewlenin***, bħall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-prevenzjoni tan-nirien jew it-tqegħid ta' nutrijenti fil-ħamrija u s-sigurtà tal-ikel;
	Or. en

Emenda 449
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Anna Strolenberg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tirrikonoxxi li tnaqqis ta' 14 % fil-konsum ta' laħam aħmar u pproċessat f'pajjiżi b'introjtu medju superjuri, inkluża l-UE, assoċjat ma' żieda f'sorsi tal-ikel ibbażati fuq il-pjanti, għandu mnejn jirriżulta f'65 000 anqas imwiet attribwibbli, u li t-trobbiji intensiva tal-bhejjem hija assoċjata ma' riskju akbar ta' reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR), u ħafna forom ta' trobbija tal-bhejjem huma assoċjati ma' impatti ambjentali mhux sostenibbli, bħal emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), użu ta' ilma ħelu u massa tal-art, u telf tal-bijodiversità marbut mad-deforestazzjoni assoċjat mal-ktajjen tal-provvista tal-għalf;
	Or. en

Emenda 450
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi l-produzzjoni agroalimentari hija bbażata fuq integrazzjoni u komplementarjetà kostanti bejn il-produzzjoni mill-annimali u mill-pjanti, l-Istrateġija Ewropea għall-Ikel, u b'mod partikolari l-produzzjoni tal-proteini, trid tiżgura bilanċ bejn id-diversi sorsi sabiex jiġu żgurati s-sikurezza tal-ikel, is-saħħa pubblika u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni u s-sistemi ekonomiċi u soċjali, filwaqt li jiġu evitati approċċi żbilanċjati wisq għal dan il-għan;

Or. it

Emenda 451
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi għandu jitqies il-karattru indispensabbli tat-trobbija tal-bhejjem għall-agrikoltura, għall-kontribut essenzjali tagħha għall-kulturi u l-patrimonji nazzjonali, għall-manutenzjoni tal-pajsaġġi, għall-ekwilibriju nutrittiv tal-konsumaturi Ewropej u għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea;

Or. es

Emenda 452
Benoit Cassart, Elsi Katainen, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi t-trobbija tal-bhejjem mhux sostenibbli tikkostitwixxi parti essenzjali mill-agrikoltura tal-UE; billi l-Kummissjoni tissottolinja, fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel tagħha, il-ħtieġa ta' viżjoni fit-tul għal dan is-settur u ħabbret it-tnedija ta' fluss ta' ħidma dwar il-bhejjem;

Or. en

Emenda 453
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi fid-dawl tan-natura indispensabbli tat-trobbija tal-bhejjem għall-agrikoltura, minħabba l-kontribut essenzjali tagħha għall-kulturi u l-patrimonji nazzjonali, għaż-żamma tal-pajsaġġi, għall-bilanċ alimentari tal-konsumaturi Ewropej u għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea;

Or. fr

Emenda 454
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li jiġu promossi għażliet tal-ikel aktar tajbin għas-saħħa u aktar sostenibbli fost il-konsumaturi, huwa essenzjali għall-Unjoni li tuża b'mod effettiv l-istrumenti u l-baġit disponibbli tagħha f'allinjament mar-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi;

Or. en

Emenda 455
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi sistemi agroalimentari sostenibbli huma kruċjali għall-protezzjoni tal-bijodiversità, inkluż is-saħħa tal-ħamrija u r-reżiljenza tal-ilma, kif ukoll biex jiżguraw is-sikurezza tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel;

Or. en

Emenda 456
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ABb (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABb. billi l-konsum ta' frott u ħxejjex fuq livell Ewropew jinstab taħt ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), li tissuġġerixxi l-konsum ta' mill-anqas 400 gramma (5 porzjonjiet) kuljum; billi dan il-konsum

baxx huwa assoċjat ma' riskju kbir ta' mard kroniku u mewt prematura;

Or. es

Emenda 457
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini***, anke fid-dawl tal-Protein Crash mistenni fis-swieq dinjija fl-2028 minħabba ż-żieda fid-domanda għall-proteina bħala materja prima kemm fil-pajjiżi żviluppati kif ukoll f'dawk li qed jiżviluppaw***;

Or. it

Emenda 458
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % ***tal-għalf rikk fil-proteini*** li teħtieġ l-Unjoni ***huwa importat*** minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri ***jħeġġu*** li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	AC. billi madwar 70 % ***tal-għelejjel li fihom il-proteini tal-ħxejjex użati għall-għalf tal-annimali*** li teħtieġ l-Unjoni ***huma importati*** minn pajjiżi terzi***;*** u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri ***ilhom iħeġġu*** li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini ***u li jkun hemm strateġija dwar il-proteini tal-UE sinifikattiva li tkopri l-istrateġiji tal-***

għalf u tal-mergħat u tar-ragħa;

Or. en

Emenda 459
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi ***minħabba protezzjoni anqas stretta ta' dawn il-produzzjonijiet meta mqabbla maċ-ċereali*** u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;

Or. fr

Emenda 460
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini ***u l-preżentazzjoni ta' strateġija tal-UE dwar il-provvista tal-proteini***;

Or. en

Emenda 461
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni ***huwa importat*** minn pajjiżi terzi u billi ***l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini***;	AC. billi madwar 70 % ***tal-materja prima għall-produzzjoni*** tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni ***hija importata*** minn pajjiżi terzi u billi ***huwa essenzjali li titnaqqas din id-dipendenza strateġija u tiġi promossa l-produzzjoni ta' proteina veġetali ta' kwalità fl-UE***;

Or. es

Emenda 462
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri ***jħeġġu li*** tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri ***ripetutament ħeġġew biex tiġi stimulata u*** tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;

Or. ro

Emenda 463
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi ***madwar 70 % tal-għalf rikk***	AC. billi ***l-UE għandha defiċit fil-***

fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew ***u*** l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	***produzzjoni tal-proteini tal-pjanti u*** l-Parlament Ewropew ***kif ukoll*** l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;

Or. en

Emenda 464
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini ***bħal legumi***;

Or. en

Emenda 465
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AC

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini;	AC. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini ***bħal legumi***;

Or. en

Emenda 466
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ACa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ACa. billi d-dipendenza kbira mill-għalf u miż-żejt tal-palm importat wasslet għal degradazzjoni ambjentali sinifikanti u ddgħajjef il-prattiki agrikoli lokali; billi huwa essenzjali li jiġu indirizzati l-effetti diżastrużi ta' dawn l-importazzjonijiet billi tingħata prijorità lill-produzzjoni ta' għelejjel sostenibbli li fihom il-proteini fl-UE u miżuri ta' implimentazzjoni biex tintemm id-dipendenza minn dawn l-importazzjonijiet;

Or. en

Emenda 467
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ACa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ACa. billi madwar 70 % tal-għalf rikk fil-proteini li teħtieġ l-Unjoni huwa importat minn pajjiżi terzi u billi l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jħeġġu li tiżdied il-produzzjoni fl-UE tal-għelejjel li fihom il-proteini; billi l-produzzjoni tal-għalf tal-annimali hija waħda mill-ixprunaturi ewlenin tal-bidla fl-użu tal-art;

Or. en

Emenda 468
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ACb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ACb. billi l-produzzjoni u l-konsum ta' anqas prodotti bbażati fuq l-annimali u aktar prodotti bbażati fuq il-pjanti jwasslu għal tnaqqis ta' ħela tal-ikel billi l-annimali jintemgħu b'ikel li huwa wkoll adatt għall-bnedmin, u jikkontribwixxu għal distribuzzjoni aktar ekwa tal-ikel;

Or. en

Emenda 469
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AD

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AD. billi l-agrikoltura u l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba;	AD. billi l-agrikoltura u l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba; ***madankollu, il-prattiki agrikoli huma kontributur primarju għan-nuqqas ta' lħuq tal-għanijiet stabbiliti mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD), b'użu eċċessiv ta' pestiċidi u nitrati li jwassal għal tniġġis tal-ilma u degradazzjoni tal-ekosistemi akkwatiċi;***

Or. en

Emenda 470
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AD

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AD. billi ***l-agrikoltura u*** l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija vitali biex ***tiġi żgurata produzzjoni*** tal-ikel ***suffiċjenti u*** ta' kwalità tajba;	AD. billi l-ilma ***u l-ħamrija agrikoli*** huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma ***u tal-ħamrija*** fis-settur agrikolu hija vitali biex ***jiġi żgurat ilma tax-xorb suffiċjenti għaċ-ċittadini kollha u ilma għal setturi oħra tal-ekonomija[1b] flimkien mal-għoti ta' prijorità lill-produzzjoni*** tal-ikel ta' kwalità tajba; ***billi fl-UE, l-użu agrikolu jirrappreżenta 30 % tal-ilma kollu użat annwalment[1a];***
	[1a] UN (2023), The United Nations World Water Development Report 2023: partnerships and cooperation for water (Ir-Rapport tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp tal-Ilma fid-Dinja 2023: sħubijiet u kooperazzjoni għall-ilma)
	[1b] Rapport tal-EEA 17/2020 https://www.eea.europa.eu/en/analysis/publications/water-and-agriculture-towards-sustainable-solutions
	Or. en

Emenda 471
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AD

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AD. billi l-agrikoltura u l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba;	AD. billi l-agrikoltura u l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma ***u ż-żieda tad-disponibbiltà tal-ilma ħelu*** fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba;
	Or. nl

Emenda 472
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AD

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AD. billi l-agrikoltura u l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba;	AD. billi l-agrikoltura u l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata ***l-kontinwità tas-settur tat-trobbija tal-annimali, u*** produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba;

Or. ro

Emenda 473
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AD

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AD. billi l-agrikoltura ***u*** l-ilma huma intrinsikament marbuta u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba;	AD. billi l-agrikoltura***,*** l-ilma ***u l-ħamrija*** huma intrinsikament marbuta u ***d-disponibbiltà u*** l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma ***u tal-ħamrija*** fis-settur agrikolu hija vitali biex tiġi żgurata produzzjoni tal-ikel suffiċjenti u ta' kwalità tajba;

Or. it

Emenda 474
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ADa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ADa. billi l-użu effiċjenti tan-nutrijenti huwa essenzjali biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE mill-fertilizzanti kimiċi, jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija; billi d-Direttiva dwar in-Nitrati, fil-forma attwali tagħha, tirrestrinġi l-użu ta' demel tal-annimali pproċessat, inklużi prodotti RENURE, minkejja evidenza xjentifika li tappoġġja l-applikazzjoni sikura tagħhom; billi ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) ikkonkluda li s-sostituzzjoni ta' fertilizzanti minerali sintetiċi b'RENURE ma twassalx għal telf ta' nitrati akbar fl-ilma; billi dan joħloq ostakli regolatorji bla bżonn għall-bdiewa li għandhom l-għan jagħlqu ċ-ċikli tan-nutrijenti u jnaqqsu l-impatti ambjentali;

Or. en

Emenda 475
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ADb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ADb. billi ma hemm l-ebda evidenza xjentifika li tappoġġja l-effettività ta' limitu ġeneriku ta' 170 kh N/ha għan-nitroġenu mid-demel tal-bhejjem f'Żoni Vulnerabbli għat-Tniġġis min-Nitrati (NVZs), li jnaqqas il-lissija tan-nitrati, kif japplika bħalissa skont id-Direttiva dwar in-Nitrati; billi r-riċerka turi li, b'mod partikolari f'art bil-ħaxix, rati ogħla ta' applikazzjoni ta' nitroġenu organiku jistgħu jintużaw mingħajr ma jżidu r-riskju ta' lissija tan-nitrati[1v]; billi l-letteratura xjentifika tappoġġja li l-aktar strateġija effettiva biex titnaqqas il-lissija hija li jkun hemm enfasi fuq it-tnaqqis

tan-nitroġenu eċċessiv minflok ma jiġu applikati limiti ta' input uniformi[1w];

[1v] Herman C. de Boer, Mark van Mullekom, Alfons J.P. Smolders, Lower nitrate leaching from dairy cattle slurry compared to synthetic fertilizer calcium ammonium nitrate applied to grassland (Lissija tan-nitrati aktar baxxa minn demel likwidu tal-baqar tal-ħalib meta mqabbel ma' nitrat tal-ammonju tal-kalċju f'fertilizzanti sintetiku applikat f'art bil-ħaxix), Environmental Pollution, Volum 344, 2024, 123088, ISSN 0269-7491, https://doi.org/10.1016/j.envpol.2023.123088.

[1w] Hansen, B., Thorling, L., Schullehner, J., Termansen, M., & Dalgaard, T. (2017). Groundwater nitrate response to sustainable nitrogen management (Rispons tan-nitrat tal-ilma ta' taħt l-art għal ġestjoni tan-nitroġenu sostenibbli). Scientific Reports, 7(1). https://doi.org/10.1038/s41598-017-07147-2

Or. en

Emenda 476
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa ADc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ADc. billi kwantitajiet sinifikanti ta' nutrijenti, inklużi n-nitroġenu u l-fosforu, jintilfu mis-sistema tal-ikel u tal-agrikoltura permezz tal-ilma mormi domestiku u l-ħama tad-dranaġġ; billi dawn in-nutrijenti ta' spiss jispiċċaw fl-ilmijiet tal-wiċċ, jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni jew ma jiġux irkuprati

biżżejjed matul il-proċessi tat-trattament tal-ilma mormi, u b'hekk iwasslu għal livelli ogħla min-norma ta' nutrijenti li ta' spiss jiġu attribwiti inġustament biss lill-bdiewa; billi din is-sitwazzjoni tirrappreżenta kemm riskju ambjentali kif ukoll opportunità mitlufa għat-titjib taċ-ċirkolarità tan-nutrijenti u għat-tisħiħ tal-awtonomija tar-riżorsi strateġiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 477
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli ***(taż-żewġ sessi)*** kienu akbar minn 55 sena, u billi dawk taħt l-età ta' 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f'ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta' bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;	AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli kienu akbar minn 55 sena, u billi dawk taħt l-età ta' 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f'ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta' bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar; ***billi l-agrikoltura se tibqa' professjoni mhux attraenti għal parteċipanti ġodda jekk il-fondi tal-PAK ma jiġux distribwiti b'mod ġust, u jkunu ta' benefiċċju għal dawk li jaħdmu fl-agrikoltura f'armonija man-natura;***

Or. en

Emenda 478
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AE. billi fl-2020 il-maġġoranza	AE. billi fl-2020 il-maġġoranza

(57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena, u billi dawk taħt l-età ta' 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f'ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta' bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;	(57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena, u billi dawk taħt l-età ta' 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f'ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta' bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar; ***jinnota li l-politiki Ewropej ma rnexxilhomx ixekklu dan it-tnaqqis ġenerazzjonali;***

Or. fr

Emenda 479
Benoit Cassart, Elsi Katainen, Barry Cowen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena, ***u billi*** dawk taħt l-età ta' 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f'ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta' bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;	AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena, dawk taħt l-età ta' 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021 ***u l-bdiewa taħt l-età ta' 40 sena jirrappreżentaw biss 12 % tal-bdiewa tal-UE***; billi f'ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta' bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;

Or. en

Emenda 480
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena,	AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) tal-maniġers tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena,

u billi dawk taħt l-età ta’ 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f’ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta’ bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;	u billi dawk taħt l-età ta’ 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 %***, u n-nisa jirrappreżentaw biss 1,7 % minnhom,*** tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f’ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta’ bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;

Or. en

Emenda 481
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) ***tal-maniġers*** tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena, u billi dawk taħt l-età ta’ 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f’ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta’ bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;	AE. billi fl-2020 il-maġġoranza (57,6 %) ***tas-sidien*** tal-azjendi agrikoli (taż-żewġ sessi) kienu akbar minn 55 sena, u billi dawk taħt l-età ta’ 35 sena jirrappreżentaw madwar 6 % tal-bdiewa kollha fl-UE fl-2021; billi f’ħafna Stati Membri hemm proporzjon għoli ħafna ta’ bdiewa li għandhom 65 sena jew aktar;

Or. es

Emenda 482
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AEa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AEa. billi l-inizjattivi ta’ impjieg taż-żgħażagħ, bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar li ż-żgħażagħ taħt it-30 sena jirċievu offerta ta’ impjieg ta’ kwalità, aktar edukazzjoni, taħriġ jew apprendistat fi żmien 4 xhur minn meta jispiċċaw qiegħda jew jitilqu mill-edukazzjoni formali; billi integrazzjoni aħjar ta’

inizjattivi bħal dawn mal-PAK u ma' politiki ta' żvilupp rurali tista' tappoġġja tiġdid ġenerazzjonali, issaħħaħ il-perkorsi tal-impjieg fl-agrikoltura u tgħin biex iżżomm liż-żgħażagħ f'żoni rurali; AEa. billi l-inizjattivi ta' impjieg taż-żgħażagħ, bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ, għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar li ż-żgħażagħ taħt it-30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità, aktar edukazzjoni, taħriġ jew apprendistat fi żmien 4 xhur minn meta jispiċċaw qiegħda jew jitilqu mill-edukazzjoni formali; billi integrazzjoni aħjar ta' inizjattivi bħal dawn mal-PAK u ma' politiki ta' żvilupp rurali tista' tappoġġja tiġdid ġenerazzjonali, issaħħaħ il-perkorsi tal-impjieg fl-agrikoltura u tgħin biex iżżomm liż-żgħażagħ f'żoni rurali;

Or. en

Emenda 483
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AEb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AEb. billi l-Erasmus+ joffri liż-żgħażagħ opportunitajiet għal esperjenza ta' studju, taħriġ u xogħol barra mill-pajjiż, u issa jinkludi enfasi dejjem akbar fuq it-tħeġġiġ tar-ritorn u r-riintegrazzjoni fir-reġjuni ta' oriġini; billi l-integrazzjoni ta' skemi ta' mobbiltà u riintegrazzjoni tal-Erasmus+ ma' azzjonijiet ta' żvilupp rurali appoġġjati mill-PAK jistgħu jrawmu t-trasferiment tal-għarfien, il-kapaċità intraprenditorjali u l-innovazzjoni fis-settur agroalimentari, filwaqt li tikkontribwixxi għaż-żamma tat-talent u r-rivitalizzazzjoni ta' żoni rurali;

Or. en

Emenda 484
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet ***u*** sfidi, ***li jirrikjedu li*** r-regoli kummerċjali internazzjonali ***jiġu adattati***, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità ***u*** mekkaniżmi ***effettivi*** ta' kontroll u ***difiża*** tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;	AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta ***kemm*** opportunitajiet ***kif ukoll*** sfidi ***dejjem akbar, b'mod partikolari fid-dawl tat-tfixkil reċenti, tal-eskalazzjoni tat-tensjonijiet kummerċjali u tal-użu dejjem jikber ta' tariffi fis-settur agroalimentari; billi din is-sitwazzjoni tenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu adattati*** r-regoli kummerċjali internazzjonali, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu ***ssalvagwardjati s-sistema agroalimentari tal-Unjoni billi jiġu*** żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità ***konsolidata,*** mekkaniżmi ta' kontroll u ***tad-difiża*** tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali ***tal-UE, u l-objettivi ta' awtonomija strateġika tagħha***;

Or. en

Emenda 485
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet u sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni	AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet u sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni

Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità ***u*** mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ***,*** ***f'konformità mal-istandards*** soċjali, ekonomiċi u ambjentali;	Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità ***li żżomm l-istandards tas-sikurezza u tal-kwalità relattivament għoljin u l-kwalità inklużi d-drittijiet tal-bniedem/ħaddiema, minflok ma tipprovoka ġirja lejn l-aktar livell baxx, u fuq*** mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ ***u l-infurzabbiltà, biex jinżammu l-valuri tal-UE espressi mill-istandards*** soċjali, ekonomiċi u ambjentali ***tagħha***;
	Or. en

Emenda 486
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AF. billi ***ż-żieda fil-kummerċ*** globali ***tippreżenta opportunitajiet u sfidi,*** li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u ***difiża*** tal-kummerċ***,*** ***f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali***;	AF. billi ***l-kummerċ*** globali ***staġna sa minn tmiem is-snin 2000 u minħabba li l-kriżi tal-ikel tal-2007-2008 wasslet biex jissaħħu l-politiki agrikoli fid-dinja kollha sabiex jiġi llimitat l-esponiment tal-bdiewa u l-popolazzjonijiet għall-instabbiltà strutturali tas-swieq agrikoli internazzjonali,*** li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u ***stabilizzazzjoni*** tal-kummerċ ***u tal-prezzijiet, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fil-livell dinji***;
	Or. fr

Emenda 487
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet u sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;	AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet u sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati ***għar-realtajiet tal-kummerċ dinji*** , b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), ***u*** biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali ***applikabbli fl-UE***;

Or. es

Emenda 488
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet u sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;	AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet u sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ ***legalment vinkolanti***, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

Or. en

Emenda 489
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AF. billi ***ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta opportunitajiet u sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas*** tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;	AF. billi ***l-instabbiltà li qed tikber fil-kummerċ dinji teħtieġ li jiġu adattati l-politiki kummerċjali tal-UE, u b'hekk huwa meħtieġ li jissaħħaħ il-qafas*** tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

Or. es

Emenda 490
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AF

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta ***opportunitajiet u*** sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;	AF. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta sfidi, li jirrikjedu li r-regoli kummerċjali internazzjonali jiġu adattati, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli ta' kompetizzjoni, ibbażati fuq ir-reċiproċità u mekkaniżmi effettivi ta' kontroll u difiża tal-kummerċ, f'konformità mal-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

Or. en

Emenda 491
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AFa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AFa. billi Orizzont Ewropa jiffinanzja r-riċerka u l-innovazzjoni fl-UE kollha u jagħti enfasi speċjali lit-twessigħ tal-parteċipazzjoni minn pajjiżi u reġjuni affettwati mill-eżodu ta' mħuħ; billi l-allinjament tal-azzjonijiet ta' Orizzont Ewropa mal-prijoritajiet tal-iżvilupp rurali tal-PAK jista' jappoġġja l-integrazzjoni tar-riżultati ta' riċerka f'soluzzjonijiet agrikoli prattiċi u lokalment adattati, jippromwovi l-innovazzjoni f'reġjuni li għadhom lura u jikkontribwixxi għaż-żamma tat-talent u r-rivitalizzazzjoni tal-komunitajiet rurali;

Or. en

Emenda 492
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AFa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AFa. billi fid-dawl tat-taqlib kbir fir-relazzjonijiet kummerċjali dinjija, il-pożizzjonijiet strateġiċi ġodda ta' potenzi kbar bħall-Istati Uniti jew iċ-Ċina, in-nuqqas ta' kapaċità tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) li tadatta u tirregolarizza dan it-taqlib, il-ħtieġa li tittieħed pożizzjoni ġdida dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas tad-difiża ta' sovranità

alimentari reali tal-Unjoni u l-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 493
Veronika Vrecionová

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AFa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AFa. billi ftehimiet kummerċjali miftuħa, ġusti u bbilanċjati huma għodda strateġika biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-agrikoltura tal-UE billi jinħolqu swieq tal-esportazzjoni diversifikati, titnaqqas id-dipendenza minn għadd limitat ta' sħab u jistgħu jappoġġjaw l-għażla tal-konsumaturi u jtejbu l-aċċess għas-suq għal prodotti agroalimentari tal-UE ta' kwalità għolja madwar id-dinja;

Or. en

Emenda 494
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AFa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ABa. billi huwa meħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-infrastruttura fiżika, tan-network u diġitali li tappoġġja l-esportazzjoni effiċjenti tal-prodotti agroalimentari Ewropej u l-opportunità li titnieda mill-ġdid il-"Global Gateway 2.0" anke fid-dawl tat-taqlib fit-tariffi u fid-dazji globali;

Or. it

Emenda 495
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AG

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AG. billi, filwaqt li huwa tajjeb li jitqiegħed enfasi fuq ir-riċerka għall-innovazzjoni ***fil-proċessi*** u ***l-prodotti*** li jiffrankaw ir-riżorsi, ***jeħtieġ*** li jsir progress fl-iżvilupp tal-kapaċità tar-riċerka ***u*** l-infrastruttura biex jiġu implimentati ***dawn ir-riżultati*** fi prattiki sostenibbli fl-oqsma tal-agrikoltura u l-forestrija, li jirrikjedu servizzi indipendenti, trasparenti u ffinanzjati tajjeb fl-Istati Membri kollha, kif ukoll tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-ħiliet;	AG. billi, filwaqt li huwa tajjeb li jitqiegħed enfasi fuq ir-riċerka għall-innovazzjoni ***f'approċċi, prattiki, proċessi*** u ***prodotti b'input baxx, b'awtonomija għolja, li jagħtu spinta lir-reżiljenza u*** li jiffrankaw ir-riżorsi, ***grazzi għall-finanzjament pubbliku tax-xjenza li jippermetti*** li jsir progress fl-iżvilupp tal-kapaċità tar-riċerka***, iżda dak il-korp ta' ħidma jeħtieġ*** l-infrastruttura biex jiġu implimentati ***l-għadd kbir ta' riżultati*** fi prattiki sostenibbli ***integrati*** fl-oqsma tal-agrikoltura u l-forestrija, li jirrikjedu servizzi ***ta' għoti ta' pariri u estensjoni*** indipendenti, trasparenti u ffinanzjati tajjeb fl-Istati Membri kollha, kif ukoll tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-ħiliet ***bejn il-pari għal networks ta' bdiewa innovaturi***;

Or. en

Emenda 496
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AG

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AG. billi, filwaqt li huwa tajjeb li jitqiegħed enfasi fuq ir-riċerka għall-innovazzjoni fil-proċessi u l-prodotti li jiffrankaw ir-riżorsi, jeħtieġ li jsir progress fl-iżvilupp tal-kapaċità tar-riċerka u l-infrastruttura biex jiġu implimentati dawn	AG. billi, filwaqt li huwa tajjeb li jitqiegħed enfasi fuq ir-riċerka għall-innovazzjoni fil-proċessi u l-prodotti li jiffrankaw ir-riżorsi, jeħtieġ li jsir progress fl-iżvilupp tal-kapaċità tar-riċerka u l-infrastruttura biex jiġu implimentati dawn

ir-riżultati fi prattiki sostenibbli fl-oqsma tal-agrikoltura u l-forestrija, li jirrikjedu servizzi indipendenti, trasparenti u ffinanzjati tajjeb fl-Istati Membri kollha, kif ukoll tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-ħiliet;	ir-riżultati fi prattiki sostenibbli fl-oqsma tal-agrikoltura u l-forestrija, li jirrikjedu servizzi ***konsultattivi*** indipendenti, trasparenti u ffinanzjati tajjeb fl-Istati Membri kollha, kif ukoll tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-ħiliet;

Or. pl

Emenda 497
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AG

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AG. billi, filwaqt li huwa tajjeb li jitqiegħed enfasi fuq ir-riċerka għall-innovazzjoni fil-proċessi u l-prodotti li jiffrankaw ir-riżorsi, jeħtieġ li jsir progress fl-iżvilupp tal-kapaċità tar-riċerka u l-infrastruttura biex jiġu implimentati dawn ir-riżultati fi prattiki sostenibbli fl-oqsma tal-agrikoltura ***u l-forestrija***, li jirrikjedu servizzi indipendenti, trasparenti u ffinanzjati tajjeb fl-Istati Membri kollha, kif ukoll tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-ħiliet;	AG. billi, filwaqt li huwa tajjeb li jitqiegħed enfasi fuq ir-riċerka għall-innovazzjoni fil-proċessi u l-prodotti li jiffrankaw ir-riżorsi, jeħtieġ li jsir progress fl-iżvilupp tal-kapaċità tar-riċerka u l-infrastruttura biex jiġu implimentati dawn ir-riżultati fi prattiki sostenibbli fl-oqsma tal-agrikoltura, li jirrikjedu servizzi indipendenti, trasparenti u ffinanzjati tajjeb fl-Istati Membri kollha, kif ukoll tiġi promossa l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-ħiliet;

Or. fr

Emenda 498
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AGa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AGa. Jenfasizza l-importanza li jiġi ċċarat l-istatus legali tal-qanneb fl-UE u jirrakkomanda lill-Kummissjoni tadotta dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-partijiet

kollha tal-pjanta tal-qanneb jistgħu jiġu prodotti, maħsuda, ipproċessati u kkummerċjalizzati; din il-miżura tkun tarmonizza l-atti leġiżlattivi nazzjonali u tallinja mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u d-dritt internazzjonali, filwaqt li tissimplifika u tadatta r-regoli għall-ħtiġijiet ta' settur agrikolu emerġenti; il-kultivazzjoni tal-qanneb tista' ġġib opportunitajiet ekonomiċi ġodda u introjtu addizzjonali għall-bdiewa, tistimula l-innovazzjoni f'żoni rurali u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-agrikoltura Ewropea f'konformità mal-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel tal-Kummissjoni; il-Parlament Ewropew jirrakkomanda li jiġi stabbilit 0,5 % ta' THC bħala l-limitu massimu għar-reġistrazzjoni ta' varjetajiet tal-qanneb fl-UE, u b'hekk issir distinzjoni ċara mill-qanneb minn varjetajiet oħra ta' kannabis; dan ikun jarmonizza d-definizzjonijiet nazzjonali, jespandi l-ġabra ġenetika ta' żrieragħ tal-qanneb rikonoxxuti u jħeġġeġ it-tnissil ta' varjetajiet ġodda b'bosta skopijiet li huma aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima, dan kollu filwaqt li jinżammu livelli baxxi ta' THC u tiġi żgurata ċarezza għall-bdiewa, għar-regolaturi u għall-konsumaturi;

Or. en

Emenda 499
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AGa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AGa. billi l-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3) u l-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent huma għodod essenzjali għall-indirizzar tad-disparitajiet reġjonali u l-mitigazzjoni tal-eżodu ta' mħuħ rurali billi titrawwem l-

innovazzjoni bbażata fuq il-post u jiġi appoġġjat l-iżvilupp tat-talenti; billi l-integrazzjoni sħiħa tagħhom mal-PAK, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Pilastru II, flimkien ma' sinerġiji msaħħa ma' strument tal-UE oħra bħall-FEŻR, l-FSE+, Orizzont Ewropa u InvestEU, tista' ssaħħaħ il-kapaċità tar-reġjuni rurali u li għadhom lura biex iżommu u jattiraw kapital uman b'ħiliet speċjalizzati; billi l-istrateġiji ta' żamma u attrazzjoni tat-talent għandha ssir rekwiżit ewlieni fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK;

Or. en

Emenda 500
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AGa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AGa. billi r-riżultati tal-innovazzjoni u r-riċerka jeħtieġ li jinxterdu b'mod effiċjenti u jilħqu lill-bdiewa b'mod affidabbli u aċċessibbli, mhux biss permezz ta' konsulenti agrikoli, iżda wkoll permezz ta' pjattaformi diġitali u networks tal-għarfien li jippermettu lill-bdiewa jaċċessaw informazzjoni rilevanti u japplikaw soluzzjonijiet innovattivi sabiex itejbu l-prattiki agrikoli u s-sostenibbiltà tal-ġestjoni tal-azjendi agrikoli;

Or. ro

Emenda 501
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AGb (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AGb. billi 12 % biss tal-bdiewa fl-Unjoni Ewropea għandhom anqas minn 40 sena, u billi d-diġitalizzazzjoni u l-integrazzjoni ta' teknoloġiji moderni fl-agrikoltura għandhom jiżvolġu rwol kruċjali biex jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' produzzjoni, u l-varar ta' teknoloġiji awtonomi u l-ġestjoni razzjonali tar-riżorsi, li se jgħinu biex iżidu l-kompetittività tas-settur u jagħmlu l-ħajja u x-xogħol rurali aktar attraenti għal ġenerazzjonijiet ġodda;

Or. ro

Emenda 502
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AGb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AGb. billi l-Programm Ewropa Diġitali u l-investimenti f'infrastruttura tal-broadband huma essenzjali biex inaqqsu d-distakk diġitali bejn żoni rurali u urbani; billi konnettività mtejba u ħiliet diġitali f'reġjuni rurali u remoti huma kruċjali biex jippermettu t-telexogħol, l-intraprenditorija diġitali u l-innovazzjoni fl-agrikoltura, u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa li ż-żgħażagħ u l-professjonisti b'ħiliet speċjalizzati jirrilokaw biex ifittxu opportunitajiet;

Or. en

Emenda 503
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AH

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AH. billi l-Unjoni żviluppat sensiela ta' programmi spazjali (EGNOS u Galileo) u programmi ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus), li l-potenzjal tagħhom fir-rigward tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-PAK u t-tranżizzjoni tal-agrikoltura Ewropea lejn biedja ta' preċiżjoni u l-prestazzjoni ambjentali u ekonomika doppja tal-azjendi għandu jiġu sfruttat kemm jista' jkun;	AH. billi l-Unjoni żviluppat sensiela ta' programmi spazjali (EGNOS u Galileo) u programmi ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus), li l-potenzjal tagħhom fir-rigward tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-PAK u t-tranżizzjoni tal-agrikoltura Ewropea lejn biedja ta' preċiżjoni u l-prestazzjoni ambjentali u ekonomika doppja tal-azjendi għandu jiġu sfruttat kemm jista' jkun ***sabiex il-bdiewa jingħataw is-setgħa bid-data dwar l-art li qegħdin jimmaniġġjaw, u anke meta jkun xieraq li jkun hemm simplifikazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv***;

Or. en

Emenda 504
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AH

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AH. billi l-Unjoni żviluppat sensiela ta' programmi spazjali (EGNOS u Galileo) u programmi ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus), li l-potenzjal tagħhom fir-rigward ***tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-PAK u t-tranżizzjoni*** tal-agrikoltura Ewropea lejn biedja ta' preċiżjoni u l-prestazzjoni ambjentali u ekonomika doppja tal-azjendi għandu jiġu sfruttat kemm jista' jkun;	AH. billi l-Unjoni żviluppat sensiela ta' programmi spazjali (EGNOS u Galileo) u programmi ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus), li l-potenzjal tagħhom fir-rigward ***tat-tranżizzjoni*** tal-agrikoltura Ewropea lejn biedja ta' preċiżjoni u l-prestazzjoni ambjentali u ekonomika doppja tal-azjendi għandu jiġu sfruttat kemm jista' jkun;

Or. fr

Emenda 505
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AHa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AHa. billi l-iżvilupp ta' ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni u inizjattivi ta' appoġġ għall-kumpaniji start-up, b'mod partikolari f'żoni rurali, għandu rwol kruċjali fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg lokali ta' kwalità għolja għal individwi b'livell għoli ta' ħiliet; billi t-trawwim ta' ekosistemi intraprenditorjali permezz ta' strumenti tal-iżvilupp rurali ffinanzjati mill-PAK, f'sinerġija ma' programmi tal-UE bħal Orizzont Ewropa, InvestEU, il-Programm tas-Suq Uniku u l-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni inklużi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), jista' jikkontribwixxi għat-treġġigħ lura tal-eżodu ta' mħuħ u jsaħħaħ ir-reżilejnza rurali billi jankra t-talent u l-innovazzjoni fl-ekonomiji lokali;

Or. en

Emenda 506
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AHb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AHb. billi t-trawwim ta' ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni u ta' appoġġ għall-kumpaniji start-up f'żoni anqas vantaġġati u rurali huwa għodda b'saħħitha għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg lokali ta' kwalita għolja għal individwi b'livell għoli ta' ħiliet; billi investiment immirat f'infrastruttura intraprenditorjali u servizzi ta' appoġġ tan-negozju, allinjat mal-PAK u ma' objettivi tal-politika ta'

	koeżjoni, jista' jsaħħaħ ir-reżiljenza rurali, inaqqas l-eżodu ta' mħuħ u jistimula żvilupp ekonomiku minn isfel għal fuq;

Or. en

Emenda 507
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;	***imħassar***

Or. en

Emenda 508
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;	***imħassar***

Or. en

Emenda 509
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi l-biċċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;	***imħassar***

Or. en

Emenda 510
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi l-biċċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq ***kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex*** rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;	AI. billi l-biċċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq ***ċerti produzzjonijiet, filwaqt li teskludi dawk li huma*** rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva***, kif ukoll opportunitajiet għall-bdiewa***;

Or. en

Emenda 511
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi ***li mhumiex*** rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;	AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija***, inkluż f'tekniki ġenomiċi,*** issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi ***parzjalment*** rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;

Or. ro

Emenda 512
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;	AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva ***kif ukoll opportunitajiet għall-bdiewa***;

Or. en

Emenda 513
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li ***din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur Ewropew,***	AI. billi l-bidċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li ***jeħtieġ li ninvestu fl-iżvilupp tagħha għall-benefiċċju tas-settur agroalimentari kollu tal-UE***;

u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva;

Or. es

Emenda 514
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AI

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AI. billi ***l-biċċa l-kbira tar-riċerka*** fil-bijoteknoloġija ***issa tinsab barra mill-Unjoni Ewropea u li din normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur Ewropew, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u perspettiva***;	AI. billi ***l-UE hija fost il-mexxejja dinjija fil-privattivi tal-bijoteknoloġija fit-tieni post wara l-Istati Uniti u qabel iċ-Ċina, filwaqt li l-Ewropa tospita ammont sinifikanti ta' riċerka*** fil-bijoteknoloġija[1a];
	[1a] JRC, 2024, The global landscape of biotech innovation: state of play (Ix-xenarju globali tal-innovazzjoni fil-bijoteknoloġija: is-sitwazzjoni attwali).

Or. en

Emenda 515
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AIa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AIa. billi xi Stati Membri, bl-appoġġ tal-finanzjament tal-UE, introduċew skemi ta' inċentivi għar-ritorn u r-riintegrazzjoni għall-professjonisti u għall-intraprendituri żgħażagħ, inklużi għotjiet għall-kumpaniji start-up, appoġġ għall-akkomodazzjoni u eżenzjonijiet mit-

taxxa; billi l-integrazzjoni ta' inċentivi bħal dawn f'politiki ta' żvilupp rurali appoġġjati mill-PAK tista' tiffaċilita r-ritorn ta' individwi b'ħiliet speċjalizzati għal żoni rurali, tikkontribwixxi għal tiġdid ġenerazzjonali u tistimula attività ekonomika sostenibbli f'reġjuni affettwati mid-depopolazzjoni u mill-eżodu ta' mħuħ;

Or. en

Emenda 516
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AIa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AIa. billi l-eliminazzjoni ta' prodotti fitosanitarji mingħajr materjali attivi alternattivi effikaċi tesponi lill-bdiewa għal pesti u mard li jnaqqsu l-profittabbiltà u l-kompetittività tagħhom, li u s-saħħa tal-annimali tinsab mhedda minn mard emerġenti fl-UE, li jiggrava l-ħela tal-ikel u t-theddida għas-sigurtà tal-provvista tal-ikel;

Or. es

Emenda 517
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AJ

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
AJ. billi, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenzi attwali, l-innovazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċessi u sistemi effiċjenti jagħmluha possibbli li jittejbu l-	AJ. billi, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenzi attwali, l-innovazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proċessi u sistemi effiċjenti***, bħall-NĠT, id-droni jew ir-***

	AVa. billi l-mudell tal-azjendi agrikoli tal-familja huwa vitali għall-futur tal-agrikoltura u tal-komunitajiet rurali fl-UE; billi l-għadd ta' azjendi agrikoli fl-UE naqas b'madwar kwart fil-perjodu relattivament qasir ta' bejn l-2005 u l-2016, li l-maġġoranza l-kbira minnhom kienu azjendi agrikoli żgħar tal-familja; billi dan huwa fil-biċċa l-kbira minħabba l-intensifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tas-sistema agrikola u li turi l-problemi sinifikanti inerenti fil-politika agrikola tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 622
Alexander Bernhuber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AVa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AVa. billi l-provvista u l-appoġġ ta' servizz konsultattiv agrikolu indipendenti u kompetenti kif ukoll offerti ta' taħriġ attraenti u prattiċi huma kruċjali biex iżidu l-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tal-bdiewa u tingħatalhom l-għajnuna biex jilħqu r-rekwiżiti dejjem aktar ambizzjużi tar-regoli tal-UE;

Or. en

Emenda 623
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AVa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AVa. billi l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol f'żoni rurali jeħtieġ li jittejbu sabiex jiġu attirati aktar nisa u żgħażagħ lejn il-professjoni; billi l-PAK jeħtieġ li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fl-azjendi agrikoli u tul il-katina tal-valur tal-ikel;

Or. en

Emenda 624
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa AVb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	AVb. billi l-agrikoltura f'ħafna reġjuni tibbaża fuq il-ħidma staġjonali; billi l-ħaddiema staġjonali mill-UE jew pajjiżi

terzi jibbażaw fuq kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u pagamenti ta' pagi u aċċess għas-sigurtà soċjali;

Or. en

Emenda 625
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq ***il-limiti tal-pjaneta, it-tiġdid ġenerazzjonali,*** il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet ***u li l-appoġġ ikun immirat aħjar lejn dawk l-aktar fil-bżonn bħal azjendi agrikoli żgħar, ġodda, imħalltin u żvantaġġati***; ***jesprimi dispjaċir għall-inklużjoni ta' referenza għall-krediti tan-natura, jemmen li l-krediti tan-natura huma soluzzjoni falza li toħloq l-illużjoni li t-telf tal-bijodiversità jista' jiġi kkumpensat, li mhuwiex il-każ; jemmen li l-krediti tan-natura huma distrazzjoni mill-impatt negattiv ħafna ta' sussidji ta' ħsara u l-kawżi prinċipali tal-ħsara ambjentali u ma jikkostitwixxux introjtu ġust jew affidabbli għall-bdiewa;***

Or. en

Emenda 626
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, ***id-durabbiltà, ir-reżiljenza,*** is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar ***tal-istandards fl-iskambji kummerċjali; jikkondividi wkoll ix-xewqa li jkomplu jiġu mmirati l-istrumenti differenti ta' appoġġ dirett sabiex jgħinu lill-bdiewa bl-akbar bżonn kif ukoll*** b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;

Or. fr

Emenda 627
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet***, jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ta' struttura ta' finanzjament tal-PAK u jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat baġit tal-PAK awtonomu sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu***

l-għanijiet kif stabbilit fil-Viżjoni;

Or. en

Emenda 628
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. ***Jieħu nota tar-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq ***il-limiti tal-pjaneta,*** il-kompetittività, is-simplifikazzjoni***, it-tiġdid ġenerazzjonali*** u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet ***kif ukoll appoġġ immirat aħjar lejn il-bdiewa l-aktar fil-bżonn bħal pereżempju azjendi agrikoli żgħar, ġodda, imħallta u żvantaġġati***;

Or. en

Emenda 629
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u	1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq ***it-tiġdid ġenerazzjonali,*** il-kompetittività, is-

reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;

simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet ***u dwar appoġġ immirat aħjar lejn dawk l-aktar fil-bżonn bħal azjendi agrikoli żgħar jew imħallta, jew dawk immexxija minn bdiewa żgħażagħ, jew dawk f'żoni żvantaġġati***;

Or. en

Emenda 630
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet; ***jirrikonoxxi f'dan l-approċċ ritorn milqugħ għall-objettivi oriġinali tal-politika agrikola komuni kif minqux fl-Artikolu 39(1) tat-TFUE;***

Or. en

Emenda 631
Csaba Dömötör

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" ***bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet***;	1. ***Jisħaq li r-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" ***jonqos milli jiggarantixxi l-mezzi ta' manutenzjoni u baġitarji ta' pagamenti bbażati fuq iż-żona u miżuri ta' appoġġ oħra tal-PAK, li jaħdmu bħala xibka ta' sikurezza għall-bdiewa***;

Or. en

Emenda 632
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali ***promettenti*** għall-PAK wara l-2027, ***b'inputs*** importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, ***b'enfasi fuq*** l-innovazzjoni biex ***tinkiseb*** sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ***ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità*** fuq ir-restrizzjonijiet;	1 ***Jieħu nota tar-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali għall-PAK wara l-2027, ***b'kontribuzzjonijiet*** importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, ***iċċentrati fuq*** l-innovazzjoni biex ***tintlaħaq*** sostenibbiltà ekonomika, soċjali ***u tingħata prijorità lill-inċentivi*** fuq ir-restrizzjonijiet;

Or. es

Emenda 633
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" ***bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb*** sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali ***u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet***;	1. ***Jinnota r-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel"***; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas evidenti tas-sens ta' urġenza u miżuri konkreti biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ġusta u sostenibbli lejn prattiki agrikoli agroekoloġiċi u reġjonali, u għall-kisba ta'*** sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali;

Or. en

Emenda 634
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali ***promettenti*** għall-PAK wara l-2027, ***b'inputs importanti bbażati*** fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. ***Jieħu nota tar-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali għall-PAK wara l-2027, ***ibbażat*** fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;

Or. en

Emenda 635
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. ***Jirrikonoxxi r-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali promettenti għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;

Or. en

Emenda 636
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali ***promettenti*** għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;	1. ***Jieħu nota tar-rapport*** tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" bħala pjan direzzjonali għall-PAK wara l-2027, b'inputs importanti bbażati fuq il-kompetittività, is-simplifikazzjoni u reċiproċità akbar, b'enfasi fuq l-innovazzjoni biex tinkiseb sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali u fuq il-fatt li l-inċentivi jkollhom prijorità fuq ir-restrizzjonijiet;

Or. fr

Emenda 637
Barry Cowen, Charles Goerens, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-"Viżjoni għall-agrikoltura u l-ikel" tissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-pagamenti tal-PAK jilħqu lil dawk il-bdiewa li l-aktar għandhom bżonnhom; jisħaq li l-bdiewa kummerċjali għandhom rwol kruċjali fl-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola Ewropea fid-dimensjoni ambjentali, soċjali u ekonomika tagħha, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għas-sovranità tal-ikel, kif ukoll għall-objettivi stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u huma essenzjali biex iżommu l-vitalità taż-żoni rurali u fl-iżgurar tad-diversità agrikolturali tal-UE;

Or. en

Emenda 638
Stefan Köhler, Norbert Lins, Christine Schneider, Marion Walsmann, Lena Düpont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jappella għal moratorju immedjat fuq ir-rekwiżiti ġodda u l-piżijiet burokratiċi fuq il-bdiewa sakemm titlesta valutazzjoni bir-reqqa tal-obbligi eżistenti kollha u jkun tfassal u ġie implimentat pjan effettiv biex titnaqqas il-burokrazija u l-piż regolatorju fl-Istati Membri kollha tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata kunsiderazzjoni ugwali tal-objettivi tal-PAK, inklużi s-sigurtà tal-ikel, il-kompetittività, il-protezzjoni ambjentali u klimatika, kif ukoll l-iżvilupp rurali u l-istrutturi agrikoli;

Or. en

Emenda 639
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sistema ta' parametraġġ referenzjarju fl-UE kollha bbażata fuq l-azjendi agrikoli għas-settur agroalimentari, iffukata fuq eżiti li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-politika orjentata lejn il-miri (doelsturing), minflok konformità preskrittiva ma' miżuri uniformi; jappella wkoll li t-tfassil ta' din is-sistema jkun influwenzat minn riċerka xjentifika eżistenti, inkluża l-pubblikazzjoni reċenti mill-Università Wageningen dwar l-applikazzjoni prattika ta' approċċi bbażati fuq l-eżitu fl-agrikoltura[1x];
	[1x] Gebieds- en bedrijfsgerichte handelingsperspectieven voor een duurzame landbouw in Nederland Ros, G. H., de Vries, W., Jongeneel, R. & van Ittersum, M., 2023, Wageningen: Wageningen University & Research. 77 p. Research output: Book/Report › Report › Professional

Or. en

Emenda 640
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jilqa' d-djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura Ewropea; jenfasizza li r-rapport irċieva appoġġ wiesa' minn

partijiet ikkonċernati ewlenin fil-politika agrikola Ewropea; jenfasizza f'dan ir-rigward is-sinifikat tiegħu għar-riforma tal-PAK li jmiss;

Or. en

Emenda 641
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja li l-agrikoltura għandha rwol fundamentali fis-salvagwardja tas-saħħa tal-bniedem, fil-preżervazzjoni tal-bijodiversità u l-ħamrija u l-ilma b'saħħithom, u fiż-żamma tal-koeżjoni soċjali;

Or. en

Emenda 642
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jitlob li l-agrikoltura tibqa' politika tal-Unjoni u ma tiġix inkluża fil-Fond Uniku, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi bejn l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 643
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li din il-viżjoni ma tirrinunzjax b'mod ċar l-objettivi li qegħdin jonqsu tal-Patt Ekoloġiku;

Or. fr

Emenda 644
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-Kumitat dwar in-Nitrati jadottaw proposta bbażata fuq ix-xjenza li tippermetti l-użu ta' prodotti RENURE f'kundizzjonijiet iddefiniti b'mod ċar, f'konformità mal-aħħar riċerka u l-aħjar prattiki agrikoli;

Or. en

Emenda 645
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li din il-viżjoni ma topponi l-ebda tkabbir ġdid tal-Unjoni Ewropea li jiggrava l-kompetizzjoni inġusta fis-suq uniku u jwassal għal baġit baxx tal-PAK għall-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 646
Camilla Laureti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jinnota li, minħabba t-tibdil fil-klima u s-sitwazzjoni ġeopolitika ġdida, trasformazzjoni profonda tas-sistemi tal-ikel, kif mitlub fis-summit tas-sistema tal-ikel globali tal-2021, hija objettiv urġenti;

Or. en

Emenda 647
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jinnota li din il-viżjoni ma tipprevedix xi studju tal-impatt fuq il-konsegwenzi tal-kompetittività tal-UE tal-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-verżjoni finali ta' dan it-test fl-aħħar mill-aħħar ma tinkludix l-introduzzjoni ta' klawżoli mera obbligatorji fl-UE inkluż ir-rispett lejn ir-regoli ta' produzzjoni tal-UE fir-rigward tal-ambjent u l-benessri tal-annimali;

Or. fr

Emenda 648
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jissottolinja li l-PAK futura għandha tintegra aktar il-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, prattiki ta' biedja sostenibbli, inkluża l-produzzjoni organika, l-agroekoloġija, is-sekwestru tal-karbonju u l-protezzjoni tal-bijodiversità;

Or. en

Emenda 649
Luke Ming Flanagan
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal ***baġit*** akbar ***għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel***; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal ***żieda fil-baġit tal-PAK biex jaqbel ma' livelli għoljin storiċi ta' baġits tal-PAK preċedenti biex tiġi żgurata s-sovranità tal-ikel fl-UE u ċ-ċertezza tal-provvista filwaqt li titqies li l-vijabbiltà finanzjarja tal-biedja ddgħajfet minn pressjoni inflazzjonarja kumulattiva meqjusa li hija aktar minn 30 % f'inputs agrikoli mill-2019, xprunata mill-kriżi tal-enerġija, il-gwerra fl-Ukrajna u l-avveniment ġeopolitiċi attwali; jissottolinja li l-valur tal-pagamenti diretti naqas b'60 % mis-sena 2000 f'termini reali minħabba l-inflazzjoni, filwaqt li d-domandi fuq l-agrikoltura naqsu; jinsisti wkoll li dan il-baġit*** akbar ***irid jiġi indiċjat għall-inflazzjoni fil-futur***; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-

funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 650
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku; ***jappella li l-fondi li jiġu allokati għall-PAK jitħallew fil-baġit allokat għal dak l-iskop; jopponi bis-saħħa l-idea li l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw il-baġit tal-agrikoltura bħala parti minn pakkett ġenerali għal skopijiet apparti l-agrikoltura;***

Or. nl

Emenda 651
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-	2. Jappella għal baġit akbar ***u ddedikat*** għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-

agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riżorsi tal-ewwel pilastru tal-PAK, u b'mod partikolari l-pagamenti diretti, bħala l-uniku strument reali għall-appoġġ għall-introjtu, jiġu allokati kompletament b'mod indipendenti mill-konformità ma' miżuri ambjentali;***

Or. en

Emenda 652
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella ***għal baġit akbar*** għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li ***PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija*** mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella ***għall-allinjament tal-baġit*** għall-PAK ***mal-objettivi u l-miri tal-Patt Ekoloġiku*** biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li ***ċ-ċittadini Ewropej jistennew proposta għal qafas leġiżlattiv biex jiżguraw Sistemi tal-Ikel Sostenibbli, kif imwiegħed fl-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt"; u jinnota li l-PAK trid tkun*** mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 653
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex ***tiġi żgurata s-sigurtà*** tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura ***Ewropea***, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK ***b'enfasi fuq metodi agrikoli sostenibbli*** biex ***jiġi żgurat introjtu rispettabbli ġust għall-bdiewa, is-sigurtà*** tal-provvista tal-ikel ***u awtonomija strateġika tal-ikel u l-għalf***; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura ***tal-UE***, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u ***l-ħaddiema u*** l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 654
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK ***u marbut mal-inflazzjoni*** biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku; ***jenfasizza li baġit adegwat jiżgura l-preżervazzjoni ta' politika komuni;***

Or. fr

Emenda 655
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi ***żgurata s-sigurtà*** tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li ***PAK mgħammra*** bil-mezzi xierqa ***hija*** mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi ***jikkontribwixxi għas-sigurtà*** tal-provvista tal-ikel ***u jappoġġja l-bdiewa fit-tranżizzjoni agroekoloġika***; jenfasizza li ***mingħajr il-mezzi xierqa, il-PAK ma tibqax tkun*** mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. fr

Emenda 656
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel ***irrispettivament mill-instabbiltà tal-kummerċ li tirriżulta mill-volatilità tal-ambjent ġeopolitiku***; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. ro

Emenda 657
André Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK ***biex*** tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK ***f'euro kostanti fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss sabiex*** tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 658
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar ***u awtonomu*** għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust ***u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti*** għall-bdiewa ***u għall-ħaddiema fl-azjendi agrikoli*** u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 659
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK***, b'mekkaniżmu għall-kumpens għall-inflazzjoni,*** biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. it

Emenda 660
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy, Raffaele Stancanelli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK***, marbut mal-inflazzjoni u separat minn politiki oħra*** biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. fr

Emenda 661
Céline Imart, Paulo Do Nascimento Cabral, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar ***u ddedikat*** għall-PAK ***inkluż il-programm POSEI*** biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 662
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ***ekonomika, ambjentali u soċjali*** tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ***ġust*** għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit ***adegwat*** akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ***ambjentali, soċjali u ekonomika*** tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ***u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti*** għall-bdiewa ***u għall-ħaddiema agrikoli*** u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 663
Herbert Dorfmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal ***baġit akbar*** għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal ***żieda fil-baġit*** għall-PAK***, anke minħabba l-inflazzjoni attwali,*** biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 664
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar ***għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel***; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar ***għall-beni pubbliċi fil-PAK, biex tkun tista' tiġi ggarantita l-leġittimità soċjali tagħha***; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 665
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa ***li hija aġġustata għall-inflazzjoni*** hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 666
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;	2. Jappella għal baġit akbar għall-PAK***, aġġustat għall-inflazzjoni,*** biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel; jenfasizza li PAK mgħammra bil-mezzi xierqa hija mutur ewlieni biex tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura Ewropea, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura introjtu ġust għall-bdiewa u l-funzjonalità sħiħa tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 667
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(a) Ifakkar fil-ħtieġa ta' politiki ta' importazzjoni ugwali li jiżguraw l-importazzjoni ta' materja prima u prodotti reżiljenti u sostenibbli, li jirrispettaw l-istess standards tas-saħħa u agrikoli applikati fl-UE, jevitaw kompetizzjoni fil-prezzijiet mhux ugwali jew dumping, u jiżguraw standards ta' kwalità u saħħa mhux mibdula għall-konsumaturi tal-UE;

Or. it

Emenda 668
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jitlob li jiġi kkummissjonat rapport minn qabel għar-riforma li jmiss li jidentifika u jikkwantifika l-ħtiġijiet ta' finanzjament biex jintlaħqu l-objettivi tal-PAK; jisħaq li dan ir-rapport għandu jkopri l-aspetti kollha tal-politika inklużi iżda mhux limitat għal, pagamenti diretti, appoġġ għas-suq u appoġġ ambjentali fil-pilastru I, pagamenti tal-ANC, miżuri ambjentali, appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli u appoġġ soċjali fil-pilastri II u anke li jinkludi ħtiġijiet ta' finanzjament meħtieġa biex jinċentivaw it-tiġdid ġenerazzjonali, jappoġġjaw lil dawk li jżommu żoni ta' Natura 2000 u azzjonijiet possibbli biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura; jemmen li rapport bħal dan jista' jagħti kredibbiltà lil talbiet għal baġit akbar, u jista' jintuża wkoll biex jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-baġit tal-PAK naqas minn 73 % għal 28 % tal-QFP fid-diversi iterazzjonijiet

tiegħu, li rrappreżenta 0,28 % biss tal-EU GNI;

Or. en

Emenda 669
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jżommu appoġġ għall-introjtu fiss u delimitat bħala komponent ewlieni tal-Politika Agrikola Komuni ta' wara l-2027, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol vitali tagħha fl-iżgurar tal-produzzjoni tal-ikel u fl-għoti lill-bdiewa ta' stabbiltà kontra l-volatilità tas-suq, eventi tat-temp estrem u xokkijiet tal-kummerċ estern; iwissi kontra l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi li jagħmlu l-appoġġ għall-introjtu tal-linja bażi soġġett għal diskrezzjoni baġitarja annwali, minħabba li inċertezza bħal din iddgħajjef l-ippjanar u l-kapaċità ta' investiment fit-tul tal-bdiewa, kif muri minn żviluppi reċenti fir-Renju Unit;

Or. en

Emenda 670
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq fuq l-importanza li jinżamm il-baġit għall-politika agrikola komuni (PAK) bħala baġit awtonomu, distint u ddedikat imfassal apposta għall-

ħtiġijiet speċifiċi tas-settur agrikolu Ewropew; jiċħad bis-sħiħ kwalunkwe proposta li l-baġit tal-PAK jiġi inkluż f'basket komuni ma' politiki jew fondi oħra minħabba li approċċ bħal dan inaqqas l-effettività tal-miżuri tal-PAK u jdgħajjef l-objettivi strateġiċi tal-Unjoni fir-rigward tas-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp rurali;

Or. ro

Emenda 671
Barry Cowen, Charles Goerens, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza l-ispejjeż eċċessivi u l-kumplessità amministrattiva assoċjati mar-rekwiżiti ta' spiża mġarrba/introjtu mitluf tal-iskemi, li skoraġġew il-parteċipazzjoni tal-bdiewa; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' skemi aktar sempliċi u aktar aċċessibbli; jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas il-pożijiet amministrattivi biex tiżgura li l-bdiewa jistgħu jaċċessaw direttament l-appoġġ mingħajr dipendenza eċċessiva fuq il-konsulenti esterni;

Or. en

Emenda 672
Krzysztof Hetman

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. L-involviment possibbli tal-politika agrikola tal-UE fl-indirizzar ta' sfidi

addizzjonali u ġodda ma għandux idgħajjef l-effettività tal-PAK biex tilħaq l-objettivi fundamentali tagħha skont l-Artikolu 39 tat-TFUE, jiġifieri b'mod partikolari li tottimizza l-użu tal-fatturi tal-produzzjoni, tiżgura standard ta' għajxien ġust għall-bdiewa, tistabbilizza s-swieq u tiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista;

Or. en

Emenda 673
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza l-ħtieġa li l-PAK tkompli tkun entità separata, kemm legalment kif ukoll bħala istituzzjoni, fil-perjodu li ġej, li huwa indispensabbli sabiex jiġi ggarantit li din il-politika tkompli bħala għodda biex issaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur fir-rigward tal-għadd kbir ta' sfidi li tiffaċċja;

Or. es

Emenda 674
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jitlob li l-PAK tkun allinjata b'mod konsistenti mal-prinċipju ta' "flus pubbliċi għal beni pubbliċi" biex tippreżerva u tippromwovi l-kontributi soċjali fil-forma ta' servizzi soċjalment

rilevanti fil-klima, fl-ambjent u fil-konservazzjoni tan-natura, kif ukoll fil-qasam tal-benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 675
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma tinkludix fondi għall-iżvilupp rurali fi pjanijiet ta' riforma nazzjonali u jenfasizza li kwalunkwe diviżjoni tal-qafas tal-baġit tal-PAK tista' twassal għal appoġġ dgħajjef għas-settur u potenzjalment tipperikola l-objettivi ġenerali tal-PAK;

Or. en

Emenda 676
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riżorsi tal-Pilastru I, u b'mod partikolari l-pagamenti diretti bħala l-istrument ġenwin uniku għall-appoġġ għall-introjtu, huma allokati bla ħlas minn kwalunkwe kundizzjonalità relatata mal-miżuri ambjentali;

Or. en

Emenda 677
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jitlob li l-azzjonijiet kollha li għandhom l-għan li jqassmu r-riżorsi bejn l-azjendi agrikoli abbażi tad-daqs tal-azjenda agrikola jew l-ammonti rċevuti permezz ta' pagamenti diretti jridu jkunu volontarji għall-Istati Membri;

Or. en

Emenda 678
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jirrimarka li, fil-kuntest ġeopolitiku attwali, l-aċċess sikur u affidabbli għall-ikel sar kwistjoni ta' sigurtà strateġika u d-dipendenza mill-importazzjoni tista' tiġi sfruttata bħala għodda għall-pressjoni jew arma tal-gwerra; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied il-baġit tal-politika agrikola komuni sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-bdiewa Ewropej u b'hekk jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet u tiġi ggarantita l-provvista tal-ikel għaċ-ċittadini tal-UE fit-tul;

Or. ro

Emenda 679
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jisħaq li l-PAK attwali taqdi aktar minn skop wieħed, inklużi t-tisħiħ tal-azzjoni klimatika, il-kontribut għall-"Patt Ekoloġiku" u l-promozzjoni ta' prattiki agrikoli sostenibbli; jissottolinja li, anke minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika tal-lum, għandha tingħata aktar enfasi lill-għanijiet ewlenin tradizzjonali tal-PAK: l-appoġġ għas-sigurtà u r-reżiljenza tal-ikel, l-iżgurar ta' introjtu ġust għall-bdiewa u t-titjib tal-kompetittività tas-suq;

Or. en

Emenda 680
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jafferma mill-ġdid l-importanza li l-PAK tinżamm bħala politika distinta, li sservi ta' sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u bejn l-Ewropa u l-bdiewa tagħha; jisħaq li l-enfasi primarja tagħha jrid jibqa' fuq l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel u provvista affordabbli u stabbli ta' ikel ta' standard għoli filwaqt li tippromwovi s-sostenibbiltà tal-agrikoltura u tal-produzzjoni tal-ikel;

Or. en

Emenda 681
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jisħaq fuq l-importanza ta' Politika Agrikola Komuni (PAK) fl-għoti ta' appoġġ affidabbli lill-bdiewa bil-għan li tissaħħaħ is-sigurtà tal-ikel; ifakkar li l-kapaċità tal-bdiewa li jkampaw ma' pressjonijiet inflazzjonarji u spejjeż tal-inputs dejjem jogħlew, filwaqt li fl-istess ħin jilħqu dan l-objettiv, ġiet sfidata b'mod sever mit-telf tal-valur reali tal-pagamenti tal-PAK;

Or. en

Emenda 682
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Tomáš Kubín, Marie Dauchy, Vilis Krištopans, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jappella għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' aġġustament awtomatiku għall-ammonti f'terminu reali tal-fondi tal-PAK, ibbażati fuq ir-rati ta' inflazzjoni ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew;

Or. en

Emenda 683
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jissottolinja li PAK orjentata lejn il-beni pubbliċi biss tista' tiżgura r-riżorsi finanzjarji pubbliċi futuri biex tappoġġja l-proċess ta' trasformazzjoni fl-

agrikoltura;

Or. en

Emenda 684
Barry Cowen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Ciaran Mullooly, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jinnota t-tħassib dwar it-tiġdid baġitarju potenzjali fil-Baġit tal-UE ta' wara l-2027, inkluża ċ-ċentralizzazzjoni possibbli tal-flussi finanzjarji u bidla minn approċċ ibbażat fuq programm għal wieħed ibbażat fuq politika; iwissi li l-integrazzjoni tal-PAK ma' oqsma ta' finanzjament oħra bħall-Koeżjoni, l-Iżvilupp Reġjonali u s-Sajd tista' ddgħajjef ir-rwol distint tal-politika agrikola, b'pagamenti lill-Istati Membri jsiru dejjem aktar marbuta ma' eżiti ddeterminati mill-UE;

Or. en

Emenda 685
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jappella għall-applikazzjoni futura ta' aġġustament awtomatiku tal-fondi tal-PAK f'termini reali, ibbażata fuq ir-rati ta' inflazzjoni ppubblikati mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE);

Or. en

Emenda 686
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej; ***jisħaq li s-sovranità tal-ikel hija d-dritt tal-persuni għal ikel tajjeb għas-saħħa u xieraq għall-kultura prodott permezz ta' metodi ekoloġikament xierqa u sostenibbli, u d-dritt tagħhom li jiddefinixxu s-sistemi tal-ikel u agrikoli tagħhom stess; jisħaq li sistema tal-ikel ibbażata fuq il-paradigma tas-sovranità tal-ikel tpoġġi l-aspirazzjonijiet u l-ħtiġijiet ta' dawk li jipproduċu, jiddistribwixxu u jikkonsmaw l-ikel fiċ-ċentru tas-sistemi u l-politiki tal-ikel minflok id-domandi tas-swieq u l-korporazzjonijiet u tiddefendi l-interessi u l-inklużjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss; jemmen li l-futur tal-politika agrikola tal-Unjoni għandu jsegwi l-paradigma tas-sovranità tal-ikel u jkun iddeterminat minn produtturi u utenti lokali u mhux mir-reġim tal-kummerċ u tal-ikel korporattiv globalizzat attwali;***

Or. en

Emenda 687
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u

dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà***, id-difiża*** u s-sovranità Ewropej; ***jirrimarka li l-kapaċità li tiġi żgurata provvista tal-ikel domestika, li titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet ta' prodotti sensittivi u li tiġi żgurata l-kontinwità tal-ktajjen tal-valur agroalimentari hija fundamentali għar-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea għall-kriżijiet esterni, għall-kunflitti armati jew bit-tariffi, għall-instabbiltà fis-swieq globali u għall-eventi tal-klima estrema; isostni li l-biedja Ewropea għandha tiġi rikonoxxuta mhux biss bħala settur ekonomiku, iżda wkoll bħala pedament ġeopolitiku, għodda għall-istabbiltà soċjali u territorjali u komponent kritiku tal-politiki tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE;***
	Or. pt

Emenda 688
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej; ***jirrimarka l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti li ssottolinjaw aktar il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel tal-UE; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-politika kummerċjali attwali inkluż il-patt propost mal-blokk tal-Mercosur se toħloq aktar dipendenzi u ddgħajjef is-sovranità tal-ikel tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjonijiet sabiex tiġi promossa l-agrikoltura sostenibbli, titnaqqas id-dipendenza minn inputs importati li fuqhom ma għandna l-ebda kontroll;***

ifakkar li l-produttività u r-reżiljenza agrikoli jiddependu mill-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali biex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi tal-ikel tagħna;

Or. en

Emenda 689
Anja Hazekamp

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej; ***u li n-natura, il-bijodiversità u klima b'saħħitha huma l-bażi tal-produzzjoni tal-ikel u għandhom jinżammu u jiġu rrestawrati minn miżuri politiċi sodi biex jiġu ggarantiti s-sigurtà tal-ikel u d-dritt għall-ikel fit-tul;***

Or. en

Emenda 690
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà***, l-istabbiltà*** u s-sovranità Ewropej; ***jenfasizza l-ħtieġa li l-PAK ta' wara l-2027 tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-preparatezza u r-reżiljenza ġenerali tal-Unjoni, f'konformità mal-***

objettivi stabbiliti fl-Istrateġija tal-Unjoni għall-Preparatezza Ewropea;

Or. en

Emenda 691
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej; ***jinnota li fil-livell dinji, il-potenzi agrikoli kollha żiedu l-infiq tagħhom u l-protezzjoni tal-agrikoltura tagħhom sa mill-kriżi tal-ikel tal-2007/2008 ħlief l-Unjoni Ewropea;***

Or. fr

Emenda 692
Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Gabriel Mato, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3 Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej; ***il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkludu l-perspettiva tal-ikel fil-pjanijiet tagħhom ta' sigurtà u kompetittività;***

Or. es

Emenda 693
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej ***u l-ammont u l-qafas tal-baġit tal-PAK iridu jirriflettu dan***;

Or. en

Emenda 694
Camilla Laureti, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u dik agrikola ***sostenibbli xierqa*** għandhom rwol strateġiku fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej ***kif ukoll l-awtonomija strateġika***;

Or. en

Emenda 695
Daniel Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u	3. Jenfasizza li l-produzzjoni tal-ikel u

dik agrikola għandhom rwol strateġiku ***fil-kuntest*** ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;	dik agrikola għandhom rwol strateġiku ***akbar f'kuntest*** ġeopolitiku l-ġdid bħala parti essenzjali mis-sigurtà u s-sovranità Ewropej;

Or. ro

Emenda 696
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jinnota li l-ilma, il-ħamrija ħajja u elementi oħra ta' bijodiversità funzjonali bħall-bijota tal-ħamrija, id-dakkara, il-predaturi naturali tal-pesti u speċijiet benefiċjali oħra, elementi tal-pajsaġġ li mhumiex għelejjel bħas-siġar, l-artijiet mistagħdra, il-vaski, huma essenzjali għas-sigurtà tal-ikel minħabba li jiżguraw il-produttività u jipproteġu l-għelejjel, jikkostitwixxu soluzzjonijiet ta' adattament għat-tibdil fil-klima, riżorsi naturali u fatturi ta' produzzjoni li jgħinu biex tiżdied l-awtonomija tal-bdiewa;

Or. en

Emenda 697
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li l-Politika Agrikola Komuni trid tinkludi strumenti u investimenti li jsaħħu l-kapaċità tal-azjendi agrikoli u taż-żoni rurali li jantiċipaw, jassorbu u jirkupraw minn

xokkijiet — inkluż permezz ta' mudelli ta' produzzjoni sostenibbli, ktajjen tal-provvista siguri, sistemi ta' ġestjoni tal-ilma u infrastruttura deċentalizzata;

Or. en

Emenda 698
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jirrimarka li l-produzzjoni agrikola effiċjenti tagħti kontribut importanti għas-sostenibbiltà tas-settur, billi timmassimizza r-rendimenti bl-anqas inputs possibbli; jisħaq li l-politiki jridu jippromwovu l-produzzjoni u l-kompetittività effiċjenti;

Or. nl

Emenda 699
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jeżiġi li l-PAK ikollha bħala objettiv prijoritarju li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet alimentari tal-popolazzjoni Ewropea, sabiex tappoġġja aħjar il-bdiewa fit-territorji, tnaqqis id-dipendenza tagħhom fuq l-esportazzjoni u ssaħħaħ is-sovranità tal-ikel Ewropea;

Or. fr

Emenda 700
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw il-possibbiltà li jistabbilixxu installazzjonijiet strateġiċi ta' ħin fuq skala Ewropea u nazzjonali bil-għan li tiġi ggarantita s-sovranità alimentari u jiġu stabbilizzati s-swieq;

Or. es

Emenda 701
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jissottolinja, f'dan ir-rigward, ir-rwol strateġiku tas-swieq bl-ingrossa, l-istrutturi akkreditati ta' interess pubbliku, li jistgħu jiżguraw il-konformità mal-prinċipji tas-sostenibbiltà, it-tnaqqis tal-iskart u t-trasparenza tal-prezzijiet;

Or. it

Emenda 702
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprevedu l-introduzzjoni ta' ħażna strateġika fil-livell Ewropew u

nazzjonali sabiex tiġi żgurata s-sovranità tal-ikel u jiġu stabbilizzati s-swieq;

Or. fr

Emenda 703
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Iħeġġeġ bis-saħħa li jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji u amministrattivi fuq is-settur agrikolu; jisħaq li r-regolamentazzjoni żejda u l-mikroġestjoni jridu jiġu miġġielda;

Or. nl

Emenda 704
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jitlob li jiġi pprovdut aktar spazju għall-politika biex jiffaċilita approċċ ibbażat fuq il-mira, permezz ta' parametraġġ referenzjarju bbażat fuq l-azjenda agrikola minflok miżuri minn fuq għal isfel, li jfisser li l-għażla tal-miżuri għandha titħalla għall-bdiewa sakemm dawn jikkontribwixxu għall-miri stabbiliti; jirrimarka li meta l-bdiewa jitħallew jiddeterminaw kif l-aħjar jilħqu l-għanijiet, dan jikkontribwixxi għall-espressjoni tas-sengħa u jisfida lill-bdiewa jsibu soluzzjonijiet aħjar biex jiżguraw is-sostenibbiltà;

Or. nl

Emenda 705
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' rieżami bir-reqqa tal-leġiżlazzjoni kollha li taffettwa s-settur agrikolu, inkluża l-leġiżlazzjoni fl-ambitu tal-Patt Ekoloġiku; jilqa' l-verifika tar-realtà tal-leġiżlazzjoni mħabbra mill-Kummissjoni fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel u jappella għal rieżami urġenti u bir-reqqa tal-leġiżlazzjoni permezz tal-pakketti ta' simplifikazzjoni mħabbra;

Or. nl

Emenda 706
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3e. jappella, fil-kuntest tal-ewwel pakkett ta' simplifikazzjoni mħabbar tal-PAK attwali, għat-tneħħija tar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità li ma jqisux biżżejjed il-personalizzazzjoni jew iċ-ċirkostanzi lokali, inkluża KAAT 2, jew kundizzjonijiet tat-temp mhux previsti, inkluża KAAT 6;

Or. nl

Emenda 707
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; ***huwa tal-fehma,*** f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti; ***jisħaq, b'mod partikolari, fuq l-importanza ta' kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex jiġi żgurat li r-regoli huma jiġu applikati b'mod effettiv, ikkoordinat u konsistenti fis-suq intern kollu sabiex tiġi miġġielda imġiba abbużiva, tiġi ggarantita l-ekwità tul il-katina tal-provvista kollha u tiġi evitata kompetizzjoni inġusta;***

Or. pt

Emenda 708
Camilla Laureti, Dario Nardella, Stefano Bonaccini, Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni ***u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari*** huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti ***se tkun***	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni***, id-djalogu u organizzazzjoni aħjar tal-bdiewa permezz ta' kooperattivi, organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) jew assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi (APOs)*** huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa ***fil-katina tal-valur agroalimentari***, jippromwovu

kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;

distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma ***li għaddejja*** tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti ***tista' tkun opportunità biex issaħħaħ*** il-pożizzjoni tal-bdiewa ***fi ktajjen*** tal-provvista agroalimentari ***nazzjonali u tranżnazzjonali***, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti ***permezz tal-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE mingħajr ma tikkomprommetti u lanqas taffettwa b'mod negattiv l-aħjar strateġiji u prattiki nazzjonali eżistenti***;

Or. en

Emenda 709
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni***, ir-regolamentazzjoni, il-kuntratti bil-miktub, il-kondiviżjoni tar-riskju tas-suq bejn il-produtturi u l-proċessuri u l-bejjiegħa bl-imnut,*** u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma ***kollha*** kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet ***u l-valur maħluq*** u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti; ***jappella għal projbizzjoni ta' xiri taħt il-medja tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif isir f'xi Stati***

Membri;

Or. en

Emenda 710
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni ***aktar*** ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti; ***jisħaq fuq l-importanza li titwaqqaf il-frammentazzjoni tas-suq intern billi jiġi pprovdut appoġġ differenzjat għall-bdiewa;***

Or. ro

Emenda 711
Eric Sargiacomo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li ***l-kooperazzjoni u d-djalogu*** fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-	4. Jirrimarka li ***meta titqies il-konċentrazzjoni b'saħħitha ħafna f'ċerti rabtiet*** fil-katina tal-valur agroalimentari, ***derogi għad-dritt tal-kompetizzjoni u appoġġ speċifiku*** huma kruċjali biex itejbu

atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;

l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;

Or. fr

Emenda 712
Carola Rackete

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti; ***jappella għal projbizzjoni tax-xiri ta' prodotti agroalimentari taħt l-ispiża tal-produzzjoni;***

Or. en

Emenda 713
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, ***tiżgura li l-produtturi jieħdu prezz ġust għall-prodotti tagħhom,*** issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;

Or. ro

Emenda 714
Sergio Berlato, Carlo Fidanza, Francesco Ventola, Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni***, l-aggregazzjoni*** u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ ***l-aggregazzjoni tal-produtturi, u b'hekk*** il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;

Or. en

Emenda 715
Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; jinnota, f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet***, tipprojbixxi l-bejgħ taħt l-ispiża tal-produzzjoni*** u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;

Or. en

Emenda 716
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ***ir-riforma tal-OKS u tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti se tkun kruċjali biex issaħħaħ*** il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina	4. Jirrimarka li l-kooperazzjoni u d-djalogu fil-katina tal-valur agroalimentari huma kruċjali biex itejbu l-pożizzjoni tal-bdiewa, jippromwovu distribuzzjoni aktar ġusta tal-marġnijiet u jżidu l-effiċjenza tal-atturi kollha; f'dan ir-rigward, ***għandha tissaħħaħ*** il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista agroalimentari***, permezz ta' regolamentazzjoni***

tal-provvista agroalimentari, issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;	***armonizzata li tirrispetta l-liġijiet nazzjonali l-aktar avvanzati,*** issaħħaħ il-mekkaniżmi ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ttejjeb l-infurzar transfruntier kontra l-prattiki kummerċjali inġusti;

Or. es

Emenda 717
Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding
f'isem il-Grupp The Left

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati t-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-iżbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel u jappella għal kriterji ambjentali u soċjali obbligatorji fil-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE; jisħaq fuq l-importanza li jitwaqqfu u jiġu indirizzati l-konsolidazzjoni u l-konċentrazzjoni fis-settur tal-bejgħ bl-imnut tal-merċa sabiex jiġu żgurati prezzijiet ġusti għall-bdiewa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi d-Direttiva (UE) 2019/633 dwar prattiki kummerċjali inġusti u l-kodiċi ta' kondotta tal-UE dwar prattiki kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni responsabbli billi tipproduċi qafas ta' monitoraġġ għas-setturi tal-ikel u tal-bejgħ bl-imnut u tipprevedi azzjoni legali jekk il-progress fl-integrazzjoni tas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali fl-istrateġiji korporattivi ma jkunx biżżejjed, u b'dan il-mod tippromwovi u tippremja l-isforzi ta' produtturi agrikoli sostenibbli filwaqt li żżid id-disponibbiltà u l-affordabbiltà ta' għażliet tal-ikel tajbin għas-saħħa u sostenibbli u tnaqqas l-impronta ambjentali ġenerali tas-sistema tal-ikel;

Or. en

Emenda 718
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas strett ta' korpi ċentrali għall-akkwisti li joperaw f'bosta Stati Membri, sabiex il-bdiewa jiġu appoġġjati aħjar fid-dawl tal-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-atturi dominanti fil-katina tal-provvista; jiddenunzja r-rwol ta' dawn il-korpi fil-ħolqien tal-kompetizzjoni ta' leġiżlazzjonijiet soċjali u ambjentali bejn l-Istati Membri; jappella għal regoli Ewropej vinkolanti sabiex jintemm ir-rikatt kuntrattwali, il-pressjoni fuq il-prezzijiet agrikoli u l-manipulazzjoni tal-valur miżjud;

Or. fr

Emenda 719
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza li s-sigurtà tal-ikel u s-sovranità tal-ikel huma komponenti vitali tal-awtonomija strateġika u li l-QFP li jmiss irid ikompli jappoġġja b'mod effettiv il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tal-agrikoltura tal-Unjoni; jappella għal baġit akbar u ddedikat għall-PAK fil-QFP li jmiss sabiex tinżamm l-integrità u l-komunalità tagħha, kif ukoll il-koerenza u l-interkonnessjoni bejn l-ewwel u t-tieni

pilastru tagħha, u għalhekk jopponi l-idea li l-PAK tiġi integrata f'fond uniku għal kull Stat Membru;

Or. en

Emenda 720
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jappella għall-implimentazzjoni ta' miżuri robusti ta' ġestjoni tal-kriżi u ta' stabbiliment tas-suq, appoġġ sod għal prattiki agrikoli innovattivi u sostenibbli, u riforma tal-PAK li tiżgura l-prattikalità tagħha billi tiddefinixxi perċentwal minimu ta' art agrikola strateġika li hija ssalvagwardjata kontra konverżjoni f'natura, u b'hekk jiġi permess l-użu sħiħ tagħha f'konformità ma' mudell ta' qligħ fit-tul taħt l-istrateġija għall-Ikel tal-2050;

Or. en

Emenda 721
Csaba Dömötör

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jieħu nota li s-settur tal-bejgħ bl-imnut jikkostitwixxi l-aktar segment ikkonċentrat tal-katina tal-valur agroalimentari; ifakkar, għalhekk, li l-isforzi biex jiġu limitati l-marġnijiet tal-prezz applikati mill-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jrażżnu l-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel u jrawmu distribuzzjoni aktar ġusta tal-introjtu fost il-partijiet

ikkonċernati kollha;

Or. en

Emenda 722
Maria Walsh

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-għodod ta' ġestjoni tal-kriżi attwali offruti mill-PAK attwali u jiġi pprovdut finanzjament akbar biex jiġu appoġġjati l-agrikoltura u l-forestrija tal-UE u jiġu ttrattati d-diżastri tal-klima u l-kriżijiet tas-suq;

Or. en

Emenda 723
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Marie Dauchy

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob li tiġi introdotta projbizzjoni fuq ix-xiri ta' produzzjonijiet agrikoli bi prezz ta' produzzjoni anqas minn dak medju sabiex jiġu ggarantiti prezzijiet remunerattivi;

Or. fr

Emenda 724
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jistieden lill-Kummissjoni tillimita strettament l-ispekulazzjoni fuq is-swieq agrikoli, b'mod partikolari billi tillimita l-pożizzjonijiet finanzjarji spekulattivi fis-swieq futuri, li jikkontribwixxu biex il-prezzijiet agrikoli jinqatgħu mir-realtà ekonomika tal-produtturi; jeżiġi li jissaħħu l-għodod Ewropej ta' regolamentazzjoni biex tiġi miġġielda l-konċentrazzjoni eċċessiva fis-setturi tat-trasformazzjoni u d-distribuzzjoni, sabiex titwaqqaf il-manipulazzjoni tal-valur miżjud minn għadd limitat ta' intrapriżi multinazzjonali f'sitwazzjoni ta' oligopolju;

Or. fr

Emenda 725
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jisħaq li l-isfidi globali ġodda li qegħdin jiffaċċjaw il-bdiewa tal-UE jirrikjedu allokazzjoni finanzjarja soda fil-PAK li jmiss; jenfasizza li, sabiex tindirizza dawn l-isfidi u tevita tnaqqis fl-appoġġ għall-bdiewa, il-PAK teħtieġ baġit akbar fil-QFP li jmiss li huwa indiċjat għall-inflazzjoni permezz ta' evalwazzjoni mill-ġdid annwali;

Or. en

Emenda 726
Stefano Bonaccini, Dario Nardella

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jappella għat-tkomplija u għat-tisħiħ tal-miżuri biex tinżamm il-produzzjoni fiż-żoni vulnerabbli u tiġi ggarantita l-vijabbiltà tal-komunitajiet rurali permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-involviment imġedded tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġestjoni ta' miżuri bħal dawn;

Or. en